**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supr. Mario Haber**
**Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Claus Peter Reisch**

**Kawza distrett Valletta**

**Illum 14 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Claus Peter Reisch** detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru CF75M07TP billi huwa akkuzat talli :

1. Fis-27 ta' Gunju 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, bhala il-Kaptan tal-Vapur *M.V. Lifeline,* uza l-imsemmi dghajsa jew bastiment fl-ibhra territorjali jew interni ta' Malta, meta din id-dghajsa jew bastiment mhux registrat ma' l-Awtorita fir-registru ghal-Bastimenti Zghar mwaqqfa skont regolament maghmula taht dan l-

artikolu, jew meta l-imsemmi dghajsa jew bastiment mhux registrat taht l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew meta l-imsemmi dghajsa jew bastiment mhux registrat jew dokumentat ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita taht ligi ta' xi pajjiz iehor li mhux Malta;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, fis-27 ta' Gunju 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, bhala il-Kaptan tal-Vapur *M.V. Lifeline,* uza ghal jew b'konnessjoni ma xi kummerc, negozju jew zjara fl-ibhra territorjali u interni ta' Malta l-imsemmija dghajsa jew bastiment meta l-istess dghajsa jew bastiment ma kelliex il-licenzja mehtiega mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ghal dak il-kummerc, negozju jew zjarar.

Din il-Qorti giet bir-rispett mitluba sabiex skont dak li jistipula l-artikolu 23 tal kodici Kriminali tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, partikolarment tal-*Vapur M.V. Lifeline.*

Semghet il-provi;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Dicembru 2018 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2019 id-difiza ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2019 il-Qorti tat il-fakulta' lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-kitba fit-2 ta' April 2019 stess;

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjoni taghha bil-miktub fis-26 ta' April 2019;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

***XHIEDA***

F'dan il-kaz xehdu tnax (12) – il xhud inkluz l-imputat:

Supt. Mario Haber *(fol 7 et seq.);* PS 19 Daniel Felice *(fol 38 et seq.);* PC 884 Carl Micallef *(fol 43 et seq.);* Kurunell Clinton O'Neill *(fol 54 et seq.);* Ivan Sammut *(fol 82 et seq.);* Kurt Guttridge *(fol 139 et seq.);* Dr. Martin Bajada *(fol 187 et seq.);* Maria Ferstl *(fol 316 et seq.);* Dr. Adrian Attard *(fol 319 et seq.);* Claus Peter Reisch *(fol 475 et seq.);* Dr. Marisa Mifsud *(fol 585 et seq.);* Axel Steier *(fol 635 et seq.).*

**Dewmien fil-proceduri**

Il-Qorti ma tistax ma tilmentax mid-dewmien biex dan il-kaz ikun deciz meta kien wiehed sommarju. Kien hemm il-parti umanitarja fejn il-Qorti fehmet ic-cirkostanzi tad-deterjorament ta' sahhet omm l-imputat fejn il-Qorti kkoncediet differimenti biex hu jkun qrib taghha sakemm din halliet din id-dinja. Imma l-akbar dewmien kien min-naha tal-Awtoritajiet Olandizi fejn l-ewwel talba ghall-informazzjoni saret fil-bidu ta' Awwissu

2018 fejn it-twegibiet waslu ghand din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2018 bil-lingwa Olandiza, fejn kellha ssir it-traduzzjoni mill-Olandiz ghall-Ingliz u eventwalment ghall-Malti. Fi proceduri bhal dawn ghandu jkun hemm aktar interess minn Awtoritajiet barranin li ghalkemm it-trattati jaghtu l-mod u perjodu ta' zmien biex jinghataw it-twegibiet, f'kazijiet bhal dawn ta' interess globali l-process ghandu jsir b'aktar heffa. Dan id-dewmien wassal biex il-Prosekuzzjoni tiehu sat-18 ta' Dicembru 2018 biex taghlaq il-kaz taghha, bid-difiza tiehu z-zmien taghha biex setghet tressaq il-provi taghha. In-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza dahlet fir-registru tal-Qorti fis-26 ta' April 2019.

**PRINCIPJI**

**<u>Favur il-hajja dejjem</u>**

Din il-Qorti tibda biex minnufih tfakkar il-principji li dejjem haddan pajjizna li nipprotegu l-hajja dejjem u kullimkien, mill-koncepiment sal-mewt kif stqarr tant tajjeb fid-diskors inawgurali tieghu fl-4 ta' April 2019 il-President tar-Repubblika George W. Vella:

> *"Nispera li nibqa' nara r-rispett li sa issa dejjem kien hemm, lejn l-etika u l-morali fil-professjoni medika-* ***<u>fuq kollox ir-rispett għall-ħajja mill-bidu nett tagħha, sal-aħħar nifs tal-individwu.</u>*** *Huwa dan il-ħarsien u r-rispett lejn valuri etiċi, morali, u soċjali, li jgħollu d-dinjità tal-individwu fis-soċjetà tagħna."*

**<u>Dritt tal-espressjoni tal-kelma u mhux abbuz mid-dritt</u>**

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna sabiex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Triq ir-Repubblika 'l barra mill-kolonni tal-bini tal-Qorti jew quddiem xi binja li tospita' xi wahda mill-istituzzjonijiet ta' pajjizna.

Ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-gudikant mhux qieghed hemm sabiex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu finalment decizi. U dan jaghmluh ghaliex jafu li m'hu se jkun hemm l-ebda twegiba ghal dak li jghidu, nkluz fejn hemm abbuz mid-dritt tal-espressjoni hielsa tal-kelma ghaliex gudikant ikollu jibqa' jsoffri fis-silenzju ghax hu prekluz bil-Kodici tal-Etika li jwiegeb ghall-attakki ingusti, insulti u malafama li jsiru.

**<u>Illi l-Qorti nnutat li f'dan il-kaz kien hemm min zvija l-opinjoni pubblika bil-hafna kummenti li nghataw waqt li kien ghaddej il-kaz fejn spiccajna b'seduta fl-awla tal-Qorti u ohra barra 'l Qorti b'forma ta'</u>**

**konferenza tal-ahbarijiet mid-difiza li ma ghandha l-ebda piz biex tkun deciza l-kawza.**

Il-Qorti tirreferi ghad-diskors li ghamel il-President tar-Repubblika Taljan Sergio Mattarella fil-25 ta' Settembru 2018 lil Consiglio Superiore della Magistratura:

> *L'attenzione e la sensibilità agli effetti della comunicazione non significa – come tante volte è stato ricordato in tante sedi- orientare le decisioni giudiziarie secondo le pressioni mediatiche né, tanto meno, pensare di dover difendere pubblicamente le decisioni assunte.* ***La magistratura, infatti, non deve rispondere alle opinioni correnti perché è soggetta soltanto alla legge.*** *Sono invece doverose la credibilità e la trasparenza del suo agire, che possono essere rafforzate anche da un'adeguata comunicazione istituzionale.* [Enfasi ta' din il-Qorti.]

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

> **"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process".**

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[1] li:

*"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[2] dwar dan:

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

[1] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149
[2] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

**L-immigrazzjoni**

Din il-Qorti tixxokkja ruħha meta taqra l-kummenti li jinkitbu fil-*blogs* dwar dan is-suġġett. Il-livell ta' razziżmu, intolleranza u animożità lejn dawn il-persuni li huma bnedmin bħalna iżda li għandhom ħafna problemi aktar minna huwa tal-biża. Meta l-Qorti taqra dawn il-kummenti tistaqsi x'ġara mill-valuri tal-ospitalità u l-imħabba lejn l-imġarrba li sawru lil dan il-pajjiż.

Kif sostna l-President tar-Repubblika Vella[3]:

> *Filwaqt li għandu jibqa' d-dritt għal opinjonijiet differenti u diverġenti, irid ikollna rispett reċiproku ġenwin. Irid ikollna djalogu matur u diskussjonijiet li jsiru b'mod dinjituż, li juru mġieba ċivika u korretta u li fuq kollox qatt ma jwasslu għal attakki personali.*
>
> *[…]*
>
> *Filwaqt li napprezza l-kontribut kbir li taw il-media soċjali biex iqarrbu n-nies lejn xulxin, u jsostnu l-espressjoni ħielsa, nixtieq li jonqsu l-abbużi li jsiru fuq dawn il-mezzi, fejn nieħu l-impressjoni li ma japplikawx in-normi u limiti li japplikaw għall-media stampata u x-xandir. Dan żgur mhux qed jikkontribwixxi għal aktar għaqda nazzjonali.*

[3] Fl-4 ta' April 2019

Il-Qorti taghmel referenza ghad-diskors tal-President tar-Repubblika Emeritu Marie Louise Coleiro Preca fil-Ftuħ tal-Parlament il- Gdid fl-4 ta' Mejju 2015:

*"Sadanittant ma nistax f'okkażjoni bhal tal-lum ninjora dak li qed jiġri madwarna. Pajjiżna u r-reġjun ta' madwarna qed jaffaċċjaw sitwazzjoni fejn eluf u eluf ta' nies qed jitilqu minn kontinenti milquta mill-konsegwenzi koroh ta' storja kolonjali flimkien ma' sitwazzjonijiet ta' vjolenza li jieħdu forom differenti.*

*Eluf ta' nies qed jitilqu biex jitbiegħdu wkoll minn stat imwiegħer ta' sottożvilupp bi ftit possibilitajiet ta' mpjieg, gwerer ċivili li għandhom parti mill-għeruq tagħhom fl-industrija tal-armamenti, il-firxa tal-mard qerriedi bħal fil-każ tal-Ebola u l-effetti koroh tal-bidla fil-klima.*

*Hemm ukoll policies li mhumiex ko-erenti, li ma jaspirawx koezjoni soċjali globali, bħalma huma s-sussidji li jingħataw lill-bdiewa fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa, li tagħmilha diffiċli għall-bdiewa fl-Afrika biex jidħlu fis-swieq u jbiegħu l-prodotti tagħhom.*

*Dawn is-sitwazzjonjiet u oħrajn iwasslu biex nies ta' etajiet differenti jsalpaw lejn pajjiżi oħra. Jippruvaw jaqsmu d-deżert tas-Saħara, għal ġol-Libja u pajjiżi oħra fl-Afrika ta' Fuq, bis-sitwazzjonijiet diffiċli li hemm, biex imbagħad jittantaw xortihom jaqsmu lejn l-Ewropa, wara li jkunu taw ġidhom lil min lest jisfrutta l-miżerja tagħhom. Dawk li jirnexxilhom jaslu hawn u fuq il-kontinent Ewropew, forsi anki wara li tilfu xi għeżież tagħhom tul l-istess vjaġġ, isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet diffiċli ta' xort'oħra.*

*Għeżież membri ta' dan il-Parlament, jeħtieġ li nagħmlu sforz kollettiv sabiex nisimgħu l-ilmenti ta' dawn in-nies li m'għandhomx lobby b'saħħtu.*

*L-għarfien u l-kumpassjoni huma żewġ kwalitajiet li nemmen li huma dmirijiet ta' kull membru ta' din il-Kamra, anki fl-ispirtu ta' solidarjetà li dan l-aħħar eluf ta' Maltin esprimew fir-rigward tal-vittmi ta' din is-sitwazzjoni mwiegħra.*

*Għalhekk nappella lill-membri ta' din il-Kamra, biex ma titkaxxkrux mill-ftit vucijiet vociferi kontra dawn l-umani bhalna, u tissoktaw bil-ħidma tagħkom, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u l-bqija tad-dinja, biex tinstab soluzzjoni umana u internazzjonali għall-kwistjoni tal-immigrazzjoni mill-Africa u l-Lvant Nofsani. B'hekk ma niddependux fuq soluzzjonijiet nazzjonali għal problema bħal din, li hi ta' natura globali.*

*Ma rridux ukoll ninsew id-dritt fundamentali ta' kull bniedem għall-ażil politiku li l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 tirrikonoxxi. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt, nazzarda ngħid, permezz ta' ħruġ ta'viża umanitarja, jista' jwassal għal waqfien ta' traġedji bħal ma ilna naraw u, jisgħobbija ngħid, nibża' li ser inkomplu naraw. Kif ġie rrappurtat f'harġa tal-ġurnal Ingliż The Guardian fis-sena 2013, aktar minn 20,000 persuna tilfu ħajjithom f'għoxrin sena jippruvaw jaqsmu l-Mediterran: irġiel, nisa, tfal u trabi. Irridu naħdmu bla waqfien biex ma nibqgħux naraw ritratti tal-waħx u ta' qsim il-qalb bħal dawk ta' tfal żgħar reqdin ir-raqda eterna u bikrija tagħhom f'dan il-qabar Mediterranju.*

*Huma xeni ta' għajb għall-umanità, xeni li juruna li huma l-ħafna li jitħallew barra mill-indiċi tat-tħassib morali. Donnhom ċerti nies għandhom id-dritt li jgħixu filwaqt li oħrajn jiċċaħdu mill-istess dritt u jitqiesu bħalikieku kienu skart uman."*

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI LEGALI

### Preliminari[4]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li

[4] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista′ jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta′ dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta′ flessibilita′ provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta′ gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita′ trid tkun tali li ma tkunx ta′ pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta′ din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista′ tagħti f′kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche,* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f′moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta′ natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta′ Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda 'l oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI DWAR L-AKKUZI**

**Il-Qorti tfakkar li l-imputat mhux qieghed ikun mixli ghaliex salva l-hajjiet. Dwar dak li ghamel l-imputat kif anke kienet infurmata l-Qorti bid-dokumenti esebiti, l-gest li salva tant hajjiet kien imfahhar u anke kien onorat. L-akkuzi li din il-Qorti trid tiddeciedi dwarhom huma ohrajn.**

**<u>L-akkużi miġjuba kontra l-imputat</u>**

L-imputat Claus Peter Reisch, detentur tal-passaport Germaniz numru CF75M07TP, ta' nazzjonalita' Germaniza u imwieled f'Munich ġewwa il-Germanja fis-17 ta' April 1961 qed jiġi akkuzat talli fit-27 ta' Ġunju 2018 u fil-jiem preċedenti, fil-kapaċita' tiegħu bħala Kaptan tal-vapur MV Lifeline, uża l-istess dgħajsa jew bastiment fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta, meta din id-dgħajsa jew bastiment mhux reġistrat ma' l-Awtorita fir-Reġistru għal-Bastimenti Żgħar, jew meta l-imsemmija dgħajsa jew bastiment ma hux reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew meta l-imsemmija dgħajsa jew bastiment mhux reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjoni tal-Awtorita' taħt il-Liġi ta' xi pajjiz ieħor li mhux Malta.

L-imputat huwa akkuzat ukoll talli fit-27 ta' Ġunju 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, bħala l-Kaptan tal-vapur MV Lifeline, uża għall-konessjoni ma' xi kummerċ, negozju jew żjara fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta l-imsemmi bastiment meta dan ma kellux il-liċenzja meħtieġa mill-

Awtorita' għat-Transport f'Malta għal dak il-kummerċ, negozju jew żjarar.

Illi bħala konsegwenza tal-akkuzi suesposti, il-Prosekuzzjoni qiegħda titlob ukoll l-konfiska tal-corpus delicti u tal-instrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, partikolarment il-konfiska tal-vapur MV Lifeline.

## Il-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda dwar il-Liġi tal-Baħar ta' 1982

L-għotja tan-nazzjonalita' ta' Stati lill-bastimenti huwa dritt sagrosant taht d-dritt marittimu internazzjonali, kemm konswetudinarju kif ukoll kodifikat. Dan id-dritt illum huwa rikonoxxut taħt il-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda fuq il-Liġi tal-Baħar tal-1982 ('**UNCLOS**'). Din il-Konvenzjoni sservi bħala l-qafas internazzjonali ewlieni li tiddefenixxi u tirregola l-jeddijiet u r-responsabbiltajiet prinċipali tal-Istati f'dak li jirrigwarda l-użu tal-ibħra u l-oċeani.

Il-Gvern ta' Malta sar firmatarju għal din il-Konvenzjoni fl- għaxra (10) ta' Diċembru 1982, u l-istess Konvenzjoni ġiet ratifikata f'Mejju ta' 1993 permezz tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Liġi tal-Baħar, Kapitolu 362 tal-Liġijiet ta' Malta  Il-Qorti se taghmel apprezament ġenerali tal-artikoli relevanti taħt l-UNCLOS. Għaldaqstant filwaqt li ser jiġu sottolineati l-jeddijiet u l-obbligi ġeneral tal-Istat tal-Bandiera, m'huwiex l-intenzjoni tal-Qorti li telabora fid-dettal fuq dawn id-dispożizzjonjiet.

**<u>Għotja ta' nazzjonalita' u d-dritt ta' bastiment biex itajjar il-bandiera ta' Stat</u>**

Skont l-Artikolu 87 tal-UNCLOS, l-Ibħra Internazzjonali[5] għandhom jkunu aċċessabbli għal kwalunkwe Stat, kemm jekk kostali u kemm jekk mdawwar bl-art. Illi konsegwentament kull pajjiz igawdi mid-dritt ta' navigazzjoni fl-istess ibhra internazzjonali.[6]

Dan huwa jedd mogħti lill-Istati u mhux lill-bastimenti.[7] Għalhekk huwa biss wara li l-Istati jestendu n-nazzjonalita' tagħhom lil bastimenti, li dawn jistaw ibaħħru u jinnavigaw fl-ibħra internazzjonali. Huwa dak il-pajjiż li jħalli lill-bastiment itajjar il-bandiera tiegħu li generalment igawdi ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawk il-bastimenti fl-ibħra internazzjonali.

Skont l-Artikolu 92, bastiment għandu jbaħħar taħt bandiera ta' Stat wieħed biss u ħlief fejn previst speċifikament ġo konvenzjonijiet oħra jew f'din l-istess Konvenzjoni, l-istess bastiment huwa soġġett għall-ġurisdizzjoni esklussiva ta' dan l-Istat fl-Ibħra Internazzjonali.[8] Di piu', bastiment huwa projbit milli jbiddel il-bandiera matul vjaġġ jew f'port ta' waqfien sakemm ma jkunx hemm trasferiment ġenwin tal-bastiment jew jkun hemm bidla tar-reġistru.

---

[5] Iż-żona marittima li bil-lingwa Ingliża hija magħrufa bħala High Seas
[6] Artikolu 90, UNCLOS
[7] Vide The IMLI Manual on International Maritime Law – Volume I The Law of the Sea (Oxford University Press 2014), pagna 246.
[8] Artikolu 92 (1), UNCLOS

Bastiment li jbaħħar taħt iktar minn bandiera waħda għall-finijiet ta' konvenjenza ma jistax jiddikjara n-nazzjonalita' ta' ebda mill-Istati in kwistjoni. Bastiment mingħajr bandiera huwa ipso facto nieqes mill-protezzjoni ta' ebda Stat tal-Bandiera. B'hekk huwa jisfa vulnerabbli għall-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat.

Kull Stat għandu jfassal il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-bastiment biex itajjar l-bandiera tal-istess Stat, għar-reġistrazzjoni tal-bastiment fit-territorju tiegħu, u għad-dritt biex eventwalment itajjar l-bandiera tiegħu.[9] Appena li l-bastiment jakkwista n-nazzjonalita' ta' Stat, huwa intitolat biex itajjar il-bandiera ta' dak l-Istat.

Kull Stat huwa obbligat ukoll joħroġ id-dokumentazzjoni neċessarja lill-bastimenti biex ikunu jistgħu jtajjru l-bandiera.[10] Bħalma diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, l-użanza internazzjonali hija li l-pajjizi joħorġu ċertifikat ta' reġistru favur is-sidien tal-bastiment.

Peress li huwa l-Istat li jiffisa l-kundizzjonijiet biex bastiment jidħol fir-reġistru, din ir-reġistrazzjoni hija ġeneralment pre-kondizzjoni għall-pussess tan-nazzjonalita' ta' Stat, l-użu tal-bandiera tal-istess Stat u l-ħruġ ta' dokumenti li jattestaw l-istess nazzjonalita'.

[9] Artikolu 91(1), UNCLOS
[10] Artikolu 91(2), UNCLOS

Il-liġi tirrikjedi ness ġenwin bejn il-bastiment u l-istat. Dan in-ness m'għandux definizzjoni marbuta miegħu għaliex il-Konvenzjoni ma tipprovdix dwar dan. F'dan ir-rigward jingħad li l-interpretazzjoni tat-tifsira tan-"ness ġenwin" toħroġ mill-volumi ta' każistika tal-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar ("ITLOS"). Illi b'referenza għad-decizjoni reċenti **M/V "VIRGINIA G"** [11] mogħtija fl-14 ta' April 2014, it-Tribunal ikkonferma li dan in-ness m'għandux jkun pre-rekwezit tar-reġistrazzjoni ta' bastiment u affermat mill-ġdid dak li ntqal fid-deċiżjoni tat-Tribunal f' **M/V "SAIGA" (No. 2)** [12] billi stqarret li:

> *"In the view of the Tribunal, once a ship is registered, the flag State is required, under article 94 of the Convention, to exercise effective jurisdiction and control over that ship in order to ensure that it operates in accordance with generally accepted international regulations, procedures and practices. This is the meaning of "genuine link"."*

L-Artikolu 94(1) tal-UNCLOS li għalih irrefera t-Tribunal jimponi dawk l-obbligi u d-dmirijiet neċessarji sabiex kull Stat tal-Bandiera jeżerċita b'mod effettiv il-ġurisdizzjoni u l-kontroll tiegħu fuq dawk il-bastiment li jtajjru l-bandiera ta' dak il-pajjiz. Id- dispożizzijonijiet tas-segwenti 94(2) sa (5) jelaboraw fuq kif u come l-Istati għandhom jaċċertaw li huma qegħin in konformita' sħiħa ma dan l-obbligu.

---

[11] M/V "Virginia G" (Panama/Guinea-Bissau), Sentenza, Rapporti tal-ITLOS tas-sena 2014, p. 4
[12] M/V "SAIGA" (No. 2) (Saint Vincent and the Grenadines v. Guinea), Sentenza, Rapporti tal-ITLOS tas-sena 1999, p.10

**Ir-Reġistrazzjoni tal-bastiment MV Lifeline**

Il-liġi marittima Maltija hija bbażata fil-gran parti tagħha fuq is-sistema Ingliża u għalhekk l-Qorti tagħmel referenza għall-kawza **Liverpool Burough Bank v Turner**[13] fejn ġiet spjegata l-importanza u r-rwol tal-imsemmi ċertifikat tar-reġistru. Il-Qorti Ingliza spjegat kif: '*As a matter of procedure, a certificate of registry is issued by the flag state, which serves as evidence of registration and nationality. This certificate is part of the documentation which is kept on board. By analogy to an individual, it is akin to a passport.*'

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument li l-bastiment M.V. Lifeline kellu abbord, intitolat '*International Certificate for Pleasure Crafts' (ICP)* immarkat bhala **Dok. MH6** eżebit mis-Supretendent Mario Haber fis-seduta miżmuma fit-2 ta' Lulju 2018. Skont dan id-dokument l-bastiment M.V. Lifeline huwa reġistrat bħala *pleasure craft* mall-assoċjazzjoni Koninklijk Nederlands Watersport Verbond (maghruf ukoll bhala l-KNWV). Mill-istess certifikat jidher ukoll li l-bastiment huwa reġistrat f'isem is-soċjeta' estera Mission Lifeline e.V. inkorporata gewwa l-Germanja, bl-indirizz reġistrat ta' Rudolfstrasse 7 01097, Dresden, Germanja.

Dwar in-natura taċ-Ċertifikat ICP, il-Prosekuzzjoni urew kif l-Awtoritajiet Olandizi qegħdin isostnu li nonostante l-fatt li l-bastiment għandu Ċertifikat ICP maħruġ mill-Koninklijk Nederlands Watersport Verbond, l-istess bastiment MV Lifeline qatt ma ngħata n-nazzjonalita'

[13] Liverpool Burough Bank v Turner (1860) 29 L.J. Ch 827

Olandiza, u saħansitra qatt ma kellu d-dritt sabiex itajjar il-bandiera Olandiza. Ill f'dan ir-rigward ir-rappreżentant tal-Awtorita' Olandiza Luc Smulders iddikjara li l-ICP hu ċertifikat intiz iktar ghal opri ta' divertiment sabiex ikun iktar faċli biex wieħed jipprova l-propjeta' tiegħu barra minn pajjiżu'.[14] Fi kliem ieħor, l-Awtoritajiet Olandizi jqisu l-ICP bħala prova ta' titolu, ta' *ownership* tad-dgħajsa u xejn aktar.

Illi d-difiza, minn naħa 'l oħra, sostniet li l- ċ-Ċertifikat ICP,[15] jservi bhala evidenza ta' nazzjonalita' Olandiza għaliex *inter alia* l-istess dokument tindika lil Olanda bħala *Flag State* u l-Amsterdam bħala il-*home port*. Oltre minn hekk, sostniet li l-ICP jinħareġ minn Assocjazzjonijiet Olandizi bil-barka tal-Awtoritajiet Olandizi. Di piu' id-difiza sostniet li l-fatt li l-Bastiment M.V. Lifeline kellu MMSI, assenjat mill-Ministeru tal-Affarjiet Ekonomiċi ta' Olanda (ara dok AS12 ipreżentat minn Axel Stein), hu indikazzjoni ċara ta' rikonoxxenza mill-Awtoritajiet Olandizi.

Illi kif *jirriżulta* mill-ittri rogatorji mibgħuta lil Awtoritajiet Olandizi, meta x-xhud Luc Smulders gie msoqsi sabiex jispjegaw għalfejn il-bastiment hu mgħammar b'numru MMSI Olandiż jekk L-Olanda ma tirrikonoxxiex il-bastiment M.V. Lifeline, dan stqarr li *"…[i]t-talbiet għal dan in-numru huma differenti mir-reġistrazzjoni tal-vapur. Dan hu indipendenti mill-Istat tal-bandiera. Din hi purament ir-reġistrazzjoni tat-tgħamir tax-xandir."* L-istess

[14] ix-xhieda ta' Luc Smulders moghtija b'ittri rogatorji
[15] maħruġ abbażi tar-Riżoluzzjoni numru 13 tal-Kumitat tat-Trasport Intern tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-Ilma Interni fit-13 ta' Novembru 1986

xhud sostna ukoll li *'M'hemmx rabta bejn ir-reġistrazzjoni tal-vapur fir-Reġistru Olandiż tal-Vapuri u l-ħruġ ta' numru MMSI'*.

Mill-provi *jirriżulta* li l-bastiment m'ghandux Ċertificat ta' Reġistru maħruġ mill-Reġistru tal-bastimenti Olandizi. Huwa dan ċ-ċertifikat li normalment jservi bħala provi tar-reġistrazzjoni ta' bastiment ġo reġistru ta' pajjiz.

**<u>Id-dispożizzijonijiet relevanti tal-Att Dwar Portijiet u Bastimenti</u>**

Illi l-imputat Claus-Peter Reisch jinstab akkuzat bi ksur tal-l-Artikolu 4 (1) u 4(2)(a) tal-Att Dwar Portijiet u Bastimenti, Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa ta' relevanza partikolari li jiġi eżaminat l-kuntest storiku ta' Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-Kapitolu tal-Liġi nostrana ġie introdott permezz ta' l-Att XVII ta' 1991 bħala l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta. Illi l-għan ta' din il-leġislazzjoni kienet sabiex tirregola l-poteri u s-setgħat ta' dik li kienet l-Awtorita' Marittima ta' Malta.

Illi wara t-twaqqif tal-Awtorita' għat-Transport ġewwa Malta, ħafna mid-dispożizzijonijiet li kienu hemm f'dan l-Att jew tneħħew jew ġew riprodotti fl-liġijiet oħra.[16] Nonostante dan, ħafna minn dawk l-artikoli li

[16] Fosthom L-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport F'Malta (Kapitolu 499)

kellhom x'jaqsmu man-navigazzjoni tal-bastimenti ġewwa l-portijiet u l-ibħra Maltin għadhom jinstabu fl-Att preżentament in vigore u illum magħruf bħala l-Att Dwar Portijiet u Bastiment. Illi f'dan l-isfond jingħad illi qabel dawn l-emendi, l-provizzjonijiet li illum jinsabu f' Artikolu 4 kienu jinsabu fl-Artikolu 29 tal-istess Kapitolu 352.[17]

Illi l-imsemmi Artikolu 4(1) jipprovdi s-segwenti:

> *(1) L-ebda dgħajsa jew bastiment ma għandu jintuża fl- ibħra territorjali jew interni ta' Malta, jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat ma' l-Awtorità f'Reġistru għal Bastimenti Żgħar mwaqqaf skont regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat jew dokumentat* ***għas-sodisfazzjon tal-Awtorità taħt il-liġi ta' xi pajjiż ieħor*** *li mhux Malta.*

Kif sostna l-espert Dottor Adrian Attard fir-rapport li prezenta lil din il-Qorti, ma jidhirx li hemm ġurisprudenza ddetaljata fir-rigward l-ambitu ta' dan l-Artikolu u dan wisq probabli għaliex l-ksur o meno tal-istess Artikolu normalment jiddependi fuq stat ta' fatt – jekk il-bastiment huwiex reġistrat skond il-liġi nostrana jew skont il-liġijiet fil-pajjiz tal-bandiera li l-istess bastiment qed itajjar.[18]

---

[17] Filwaqt li l-Artikolu 4(1) huwa riproduzzjoni ad verbatim ta' l-Artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta, L-Artikolu 4(2) hija ftit aktar wiesa mill-artikolu orginali taht Artikolu 29(2).

[18] Ara per ezempju s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex bhala Qorti ta' Gudikatura Krimali) fis-26 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Galea,** fejn-imputat nstab hati bi ksur ta' Artikolu 29 (1) tal-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta wara li ammetta li kien uza Speedboat li ma kienetx registrata mall-Awtorita' Marittima .

Il-Qorti tosserva li fir-rigward ta' bastiment li jtajjar bandiera estera, ikun hemm ksur tal-Artikolu 4(1) jekk dak il-bastiment ma jkunx registrat jew dokumentat **għas-sodisfazzjon tal-Awtorità estera**. Fil-fehma tal-Qorti l-ligi hawnhekk qieghda tirrikonoxxi d-duttrina li l-għotja tan-nazzjonalita' hija att sovran, li tibqa' dejjem prerogattiva tal-Istat tal-bandiera. Ghalhekk l-ezami li jkun irid isir mill-Qorti – la darba l-ligi tghid hekk – huwa limitat dwar jekk il-bastiment M.V. Lifeline kienx registrat jew dokumentat għas-sodisfazzjon tal-Awtorità Olandiza.

Illi mill-provi migjuba, u partikolarment mill-iskambju ta' emails bejn l-Awtorita' Maltija u dik Olandiza[19], li gie ezebit minn Ivan Sammut (r-Registratur Generali tal-Bastimenti Merkantili Maltin) fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018, jidher car li l-Awtoritajiet Olandizi m'humiex qeghdin jirrikonnoxxu l-bastiment M.V. Lifeline bhala wiehed registrat taht l-bandiera taghhom. Din il-pożizzjoni giet ikkonfermata ukoll mir-risposti li r-rapprezentant tal-Awtorita' Olandiza, Luc Smulters ta permezz tal-ittri rogatorji li nbaghtu.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta li r-registrazzjoni tal-bastiment M.V. Lifeline meta dahal gewwa l-ibhra territorjali ta' Malta ma kienitx ghas-sodisfazzjon tal-Awtoritajiet Olandizi.

[19] Dok IS1 a fol 94 sa100

Illi Artikolu 4(2)(a) jipprojbixxi l-użu kummerċjali ta' bastimenti ġewwa l-ibħra Maltin mingħajr il-liċenzji rekwisiti. Illi dan l-Artikolu jipprovdi li:

*"(2) L-ebda dgħajsa jew bastiment m'għandhom jintużaw għal jew b'konnessjoni ma' xi kummerċ, negozju jew żjara fl-ibħra territorjali u interni ta' Malta –*

*(a) jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkollhomx liċenza kif meħtieg mill-Awtorità għal dak il-kummerċ, negozju jew żjarar;"*

Illi għalhekk dan l-Artikolu jirrikjedi li kull bastiment fl-ibħra territorjali u interni li qed jintuża kummerċjalment jew in konnessjoni ma xi negozju, jrid jkun liċenzjat kif meħtieġ mill-Awtorita'.

F'dan ir-rigward, l-Qorti jidhirlha li huwa ta' benefiċċju li tispjega r-reġim legali applikabbli għall-liċenzjar ta' dawn il-bastimenti kummerċjali u cioe' l-applikazzjoni tal-**Leġislazzjoni Sussidarja 499.23 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 6 tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali, l-ebda persuna ma' tista' tuża jew tħaddem bastiment kummercjali, u l-anqas ma jista' s-sid tiegħu jagħti jew iħalli bastiment jiġi użat jew imħaddem, għall-kiri jew bi ħlas fil-portijiet, fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta sakemm dan il-bastiment ma jkunx iċċertifikat skont

il-Kodiċi tal-Prattika[20] u jkun kopert b'ċertifikat ta' bastiment kummerċjali validu.[21]

Illi skont l-istess Regolamenti "bastiment kummerċjali"[22] huwa definit bħal kull bastiment "*kemm jekk jaħdem bil-magni u kemm jekk le, li jintuża jew li hu maħsub li jintuża jew li jiġi mħaddem f'xi negozju, kummerċ jew li joffri jew jingħata għal kiri jew għal rikompensa fil-portijiet, ibħra interni u ibħra territorjali ta' Malta*".

Izda l-Artikolu 4 tal-istess Regolamenti jelenka s-segwenti kategoriji ta' vapuri li ghalihom ma japplikawx dawn r-regolamenti:

a) bastiment tad-divertiment
b) dgħajsa tas-sajd meta tkun imqabbda, imħaddma u użata biss f'attivitajiet tas-sajd li jkunu koperti b'liċenzja skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd;
c) vapur miżmum jew imħaddem għal servizz mhux kummerċjali;
d) bastimenti tal-gwerra jew bastimenti uffiċjali sakemm dawn ma jintużawx għal servizz kummerċjali.

Illi madankollu jingħad ukoll li l-Artikolu 4(2)(a) ta' Kapitolu m'huwiex limitat biss ghall-użu kummerċjali ta' bastimenti gewwa ibħra Maltin. Fil-fatt l-istess Artikolu jikkontempla li anke sempliċiment żjara fl-ibħra

---

[20] "Code of Practice for the Safety of Commercial Vessels" mahrug mill-Awtorita' ghat-Trasport gewwa Malta.
[21] Dan ic-certificat huwa maghruf bhala Certifikat ta' Bastiment Kummercjali (CVC).
[22] Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-Bastiment Kummercjali (S.L. 499.23).

territojali ta' Malta jrid ikun liċenzjat, dejjem jekk l-Awtorita'[23] teħtieg liċenzja ghal dik l-istess żjara.

Illi mill-provi prodotti u min-nota ta-sottomisssjonijet taghha, jidher li l-Prosekuzzjoni ffukat biss fuq l-ewwel akkuza migjuba u ghalhekk naqset milli tipprova illi l-akkużat, l-Kaptan tal-bastiment M.V. Lifeline, dahal jew kellhu l-intenzjoni li jidhol gewwa l- ibħra territorjali u interni ta' Malta ghal dawk l-iskopijiet mahsubin ta' l-Artikolu (4)(2)(a) tal-Kap 352 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>It-talba ghall-konfiska tal-bastiment</u>**

Il-Prosekuzzjoni qiegħda titlob ukoll il-konfiska tal-bastiment MV Lifeline ai termini ta' Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-Artikolu jgħid is-segwenti:

*(1) Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġett*

*(2) Fil-każ ta' kontravvenzjonijiet, din il-konfiska ssir fil-każijiet biss imsemmijin espressament fil-liġi.*

[23] l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfataħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

*(3) Fil-każ ta' oġġetti li l-manifattura, użu, ġarr, tiżmim jew bejgħ tagħhom huwa reat, il-konfiska tagħhom tista' tkun ordnata mill-qorti għalkemm ma jkunx hemm kundanna u għalkemm dawk l-oġġetti ma jkunux tal-akkużat.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3), meta l-Avukat Ġenerali jwassal talba lil maġistrat minn awtorità barranija għat-treġġigħ lura ta' xi oġġett li jkun inkiseb b'mod kriminali għal finijiet ta' restituzzjoni lis-sid leġittimu tiegħu, il-qorti tista' wara li tisma' lill-partijiet u jekk tqis li jkun xieraq li hekk tagħmel wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tordna li l-konfiska ta' kull tali oġġett m'għandhiex issir u lil oġġett għandu jitreġġa' lura lill-awtorità barranija rikjedenti*

Illi għad-distinzjoni ta' artikoli oħrajn kkontemplati taht il-Ligi [24], l-Artikolu 23 ta' Kap. 9 jiddisponi li jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għall-konfiska bħala konsegwenza tal-piena stabilita mill-liġi għad-delitt[25] jew meta persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.[26]

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur M. Bayliss) Vs Boris Formosa**[27] deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono deciza fid-9 ta' Marzu, 2006:

*Issa skont l-artrikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-*

---

[24] Bhal per ezempju Artikoli 68 u 69 ta' Kap. 37.
[25] Artikolu 23(2), Kap 9
[26] Artikolu 23(1) u 23(3), Kap 9
[27] Appell Kriminali Numru. 21/2006

*piena stabilita mill- ligi ghad-delitt, ukoll jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna , li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti. (sottolinear tal-Qorti).*

*Il-Prosekuzzjoni ccitat in sostenn tal-appell taghha s- sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Francis Aquilina et**" [7.7.1995], fejn gie ritenut inter alia li l-konfiska tapplika awtomatikament anki fejn ikun inghata provvediment ta' liberazzjoni b' kundizzjoni taht il-Kap.152, wara l-emendi li kienu saru ghal dik il-ligi fil-1993 u li l-konfiska tal-vettura bhala istrument li serva fil-kommissjoni tad-delitt hi wahda tassattiva li ma taghti lok ghall-ebda varjazzjoni.*

*Din il-Qorti fil-waqt li taqbel ma dak li hemm enuncjat fis- sentenza citata, tosserva li f' dak il-kaz ma jidhirx li gie investit il-punt fejn il-vettura uzata fil-kommissjoni tar-reat ma tkunx tal-hati imma fuqha jkun ghad hemm jeddijiet ta' xi persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, kif jirrizulta li hu l-kaz prezenti.*

*Ghalkemm fir-rikors tal-appell l-Avukat Generali qaghad attent li ma jghidx li l-vettura kienet proprjeta' tal-appellat fiz-zmien tal-kommissjoni tad-derlitt u llimita ruhu biss biex jghid testwalment: "illi fil-mument tas-sentenza l-istess vettura kienet proprjeta' tal-appellat", ma saret ebda prova ta' dan. L-ahhar prova dwar il-proprjeta' li saret fil-process kienet proprju dik li tohrog mix-xhieda ta' Jose' Abela w li tirrisali ghad-19 ta' Lulju, 2001, fejn intqal li l-vettura kienet ghadha*

*tghajjat lil John Cassar. Illi ma saret ebda prova li John Cassar b' xi mod ha sehem fid-delitt ta' serq de quo. Lanqas ma saret il-prova li Cassar bejn id-19 ta' Lulju, 2001, meta kien qed jixhed Abela w d-data tas-sentenza appellata, kien ittrasferixxa il-van lill-appellat, ghalkemm tali prova mhux necessarjament kienet tagevola lil-Avukat Generali.*

*Ghalhekk mill-provi prodotti jidher li fid-data tal- kommissjoni tar-reat ta' serq li l-appellat instab hati tieghu, l-vettura de quo ghalkemm kienet fil-pussess tieghu, kienet legalment ghadha tappartjeni lil John Cassar li kien ghadu ma thallasx il-prezz kollu miftiehem fuq it- trasfertiment tal-van u li konsegwentement kien ghad ghandu jedd fuq l-istess van.*

*Ghaldaqstant f' dan il-kaz il-konfiska ma tkunx wahda awtomatika w konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija, ghax dan hu proprju l-kaz fejn il-ligi fl-artikolu 23 (1) espressament teccettwa l-applikazzjoni konsegwenzjali w awtomatika tal-konfiska.*

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx marbuta li tapplika l- konfiska tal-vettura kif qed jippretendi l-Avukat Generali w galadarba din kienet is-sitwazzjoni, din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet ohra biex hi tiddeciedi xorta' ohra.*

Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta matul il-kaz ġie stabbilit illi l-imputat m'huwiex is-Sid tal-bastiment M.V. Lifeline. Apparti li dan il-fatt xehdu l-Kaptan nnifsu, fix-xhieda ta' Axel Steier, rappreżentant tal-għaqda Mission Lifeline e.V., huwa xehed kif din l-għaqda kienet

akkwistat l-bastiment in kwistjoni mingħand l-għaqda Sea Watch e.V. permezz ta' trasferiment illi sar nhar il-ħdax ta' Awwissu tas-sena 2017.

Xhieda ta' dan ġew preżentati s-segwenti dokumenti:-

1. Kuntratt ta' trasferiment tal-bastiment in kwistjoni li preċedentament kien jismu Sea Watch 2, datat il-ħdax ta' Awwissu ffirmat bejn l-entitajiet Sea Watch e.V. bħala entita' venditriċi u l-entita' Mission Lifeline e.V. bħala entita' akkwirenti;

2. Dokument 'Bill of Sale' li huwa ċertifikat li jixhed it-trasferiment datat is-sebgħa ta' Settembru tas-sena 2017 fejn speċifikament jiddetta illi l-entita' Sea Watch e.V. irċeviet is-somma ta mija u għoxrin elf Ewro (€120,000) mingħand l-entita' Mission Lifeline e.V. u in kontrokambju ġie trasferit il-bastiment bl-isem Sea Watch 2 (liema bastiment il-quddiem ġie mibdul għal M.V. Lifeline) mill-entita Sea Watch e.V. lill-entita' Mission Lifeline e.V.;

3. Dokument imsejjaħ (Protocol of Delivery and Acceptance) li jikkonferma t-trasferiment tas-somma ta' mija u għoxrin elf Ewro (€120,000) bejn l-entitajiet hawn fuq riferiti;

4. Ċertifikat imsemmi International Certificate for Pleasure Craft (ICP) liema ċertifikat jindika lis-sid tal-bastiment bħala l-entita' Mission Lifeline e.V. Sussegwentament, l-entita' li kienet ħarġet dan id-dokument kienet issostitwiet dan l-imsemmi ċertifikat

iżda anke dan jibqa jindika lill-istess Mission Lifeline e.V. bħala s-sid tal-bastiment M.V. Lifeline;

5. Dokument li jixhed illi l-entita' Mission Lifeline e.V. hija entita' rreġistrata skont il-Liġi u dan mill-ghoxrin ta' Lulju tas-sena 2016 ġewwa Dresden, il-Ġermanja u jikkonferma ukoll illi x-xhud Axel Steir huwa rappreżentant uffiċjali tal-imsemmija entita' Mission Lifeline e.V.;

Il-bastiment MV Lifeline irrizulta li mhux propjeta' tal-imputat u huwa proprjeta' tas-soċjeta' estera Mission Lifeline e.V u ghalhekk il-bastiment ma jistax ikun konfiskat minn din il-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat. Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[28] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car.... li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu*

[28] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Artikolu 42 tal-**Att dwar Portijiet u Bastimenti** - Kap 352 – jipprovdi li:

*Kull persuna li tonqos li tħares xi direttiva mogħtija mill- Awtorità fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt dan l-Att, jew li tonqos li tħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta' reat, u jekk xi penali ieħor ma jkunx stabbilit f'dan l-Att għal dak ir-reat, teħel, meta tinsab ħatja,* ***<u>multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien,</u>*** *u fil-każ ta' reat kontinwu multa oħra ta' mhux iżjed minn elf u mitt euro (€1,100) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq piena gusta li ghandha tinghata f'dan il-kaz. Piena karcerarja qatt ma kienet ikkontemplata minn din il-Qorti ghaliex fehmet mill-ewwel ic-cirkostanzi tal-kaz. L-imputat ghandu fedina penali netta u dejjem wera rispett lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti tant li dejjem mexa mal-kundizzjonijiet imposti fuqu anke meta thalla jitlaq minn dawn il-gzejjer u rritorna meta kellu seduta pjanata. Ghalhekk f'dan il-kaz piena gusta hi dik tal-multa.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 4(1) u 42 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah ghaxart elef ewro (€10,000) multa.

Il-Qorti tirrakomanda lill-Gvern li l-multa imposta jew ekwivalenti taghha meta tithallas, titqassam b'mod ugwali lil dawn l-istituzzjonijiet li tant jahdmu biex jghinu l-ifqar fost il-fqar lil persuni li jsibu refugju f'pajjizna: Is-Sorijiet tal-Ursolini, Is-Salesjani ta' Don Bosco, Dar Emmaus f'Ghawdex u Dar Merhba Bik.

Stante li l-bastiment involut mhux propjeta' tal-imputat, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni li jkun issekwestrat *M.V. Lifeline*.

Il-Qorti tordna li hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikata l-M.V. Lifeline ma jibqax fil-kustodja tar-Registratur tal-Qorti.

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**